


# Tal-Karmnu u tad-Duttrina

*Aurele Gafà*

Din is-sena, kieku ma sarx tibdil ħesrem fid-dati tal-festi konna se nikkelebraw il-festa tal-Madonna tad-Duttrina fis-16 ta' Lulju; jum il-Madonna tal-Karmnu. Għalhekk se nibbaża din il-kitba fuq il-kappellun tax-xellug tal-Knisja Parrokkjali tagħna li kienu se jaħbtulu żewġ festi f'daqqa.

Illum, bejnietna t-Tarxiniżi, spiss nirreferu għal dan l-artal bħala tad-Duttrina jew tal-Karmnu. Iżda, biex inkun korrett qed nimxi ma' dak li kiteb il-Kappillan Dr Dun Franġisk Feliċ Attard, li meta fl-1883 Kien qed iniżżel l-ispejjeż għax-xemgħa ta' dan l-artal fil-festa tal-Lunzjata jgħid hekk: *N.B. Questo consume se paga alternativamente della cassa della Dottrina e da quella del Carmine spettando l'altare a tutti a due.*[1] Kif se naraw f'dan l-artiklu, il-Kappillan Attard kellu raġun jikteb hekk għaliex tal-Karmnu u tad-Duttrina ntrabtu ma' dan l-artal kważi sa mit-twaqqif tiegħu.

## Il-Bidu

Il-knisja parrokkjali tagħna inbiet f'forma ta' salib Latin. Għalhekk, sa mill-bidu tal-bini tagħha għall-ħabta tal-1610 sarulha żewġ kappelluni li f'nofs kull wieħed minnhom kien hemm bieb.[2] Ġara iżda li bejn l-1709 u l-1723 ġew apsidati l-kappelluni u minflok il-bibien tpoġġew żewġ artali.[3] Dan wassal biex il-kappellun tal-lemin ġie ddedikat lill-Kurċifiss waqt li dak tax-xellug ġie ddedikat lill-Madonna tal-Karmnu u l-erwieħ tal-purgatorju. Hawn insibu li l-kappellun tax-xellug ġie ddedikat hekk minħabba devozzjoni popolari lejn l-erwieħ li diġà kienet teżisti qabel fuq l-artal ta' Santu Rokku.[4]

L-ispejjeż għall-pittura, li saret minn Enrico Regnaud, ħallashom Giovanni Farrugia, permezz ta' testament li sar fit-30 ta' Marzu 1719.[5] L-artal innifsu sar tal-ġebel bħall-bqija tal-artali fil-knisja bid-differenza li kellu skannell tal-ġebel ukoll waqt li tal-artali l-oħra kien tal-injam. Dan l-ewwel artal ma tantx dam jitgawda hekk kif fl-1737 beda x-xogħol tal-iskultura fuq il-prospettiva tal-artal u ma' dan ix-xogħol bnew artal ġdid li jikkumplimentaha.[6] Kif tlestiet l-iskultura, fuq l-artal tpoġġa l-ewwel sottokwadru li deher fil-knisja tagħna. Dan kien iddedikat lill-Madonna tad-Dawl u San Injazju ta' Loyola.[7] Wara xi żmien it-tieni artal reġa' nbidel biex sar dak tal-irħam li nafu llum. Stilistikament, dan l-artal jixbah ħafna lill-artal maġġur ta' Ħaż-Żabbar. B'hekk, dan l-artal barokk aktarx sar lejn tmiem is-seklu tmintax. Iżda sfortunatament informazzjoni dwar min għamlu u min ħallas għalih għadha ma nstabitx.

Dan juri li d-devozzjoni lejn dan l-artal bdiet dejjem tiżdied mhux biss għax kien hemm min ikkontribwixxa biex saru l-opri li semmejt aktar 'il fuq, iżda wkoll għax kien hemm min rabat

*ikompli f'paġna 65*

## Nota Editorjali

L-artal armat għall-festa tal-Madonna tad-Duttrina fis-snin erbgħin tas-seklu għoxrin. Interessanti li l-artal hu armat kollu bil-personaġġi u bla damask.

- Jingħad li fil-passat kien hemm kwistjoni bejn il-fratellanza tad-Duttrina u l-fratellanza tar-Rużarju dwar il-personaġġi li naraw armati fuq is-sekonda. Din il-kwistjoni damet għaddejja sakemm il-kappillan Aquilina iddeċieda li jagħti żewġ personaġġi lill-fratellanza tad-Duttrina u t-tnejn l-oħra lill-fratellanza tar-Rużarju. Wara dan il-fratellanzi bdew jisselfu l-personaġġi ta' xulxin biex jgħaqqdu s-sett li jarmawh fuq l-artal tal-kappellun oppost tagħhom fil-festi rispettivi. Minn dakinhar 'il quddiem, il-fjuretti ħadu post il-personaġġi fuq is-sekonda tal-artal tad-Duttrina.
- Mhux magħruf għaliex dan huwa l-uniku ritratt antik li fih l-artal jidher bla damask. Mid-dokumenti nafu li l-fratellanza kull sena kienet tikri id-damask mingħand il-Fondazzjoni Barbara, b'hekk jista' jkun li għax kienet riesqa l-gwerra ma kienx hemm biżżejjed finanzi biex jagħmlu dan.
- Innota wkoll li l-ostensorju jinsab fuq pedestall mhux fuq il-puttin li aħna mdorrijin naraw. Hemm ukoll il-karti tal-glorja l-antiki li reġgħu bdew jintramaw dan l-aħħar, kif ukoll l-istat tal-induratura tal-armar kollu jidher li kien għadu fl-aqwa tiegħu.



*L-Isqof Alpheran De Bussan*

legati ma' dan l-artal. Fost dawn insibu s-Saċerdoti Dun Pietro Mallia[8] u Dun Antonio Ellul[9] li b'testmenti li saru fl-1779 u fl-1784 rispettivament rabtu ammonti ta' flus biex isir quddies għal ruħhom fuq dan l-artal. Ma setax jonqos li fuq l-altar kienet issir il-festa tal-Madonna tal-Karmnu li b'digriet tat-12 ta' Diċembru 1750 mogħti mill-Isqof Alpheran de Bussan, din kellha ssir Ħadd fost l-ottava tal-Madonna tal-Karmnu. Fil-Vista pastorali tiegħu, l-istess Isqof jiddokumenta li l-festa kienet issir bl-għasar u quddiesa solenni. Iżda maż-żmien nafu li din żviluppat hekk li sa nofs is-seklu dsatax kienet issir ukoll il-purċissjoni.[10]

## It-twaqqif tal-Kongregazzjoni tad-duttrina

Il-bżonn li jissaħħaħ it-tagħlim tad-duttrina fost il-Maltin kien ilu jinħass sa minn żmien il-vista appostolika ta' Dusina fl-1575[11]. Iżda kien fl-1724 li twaqqfet l-ewwel kongregazzjoni tad-Duttrina mill-Isqof Gori Manchini fil-knisja ta' San Pawl Nawfragu l-Belt Valletta. Din il-kongregazzjoni twaqqfet skont il-kostituzzjoni sinodali tal-Isqof Davide Cocco Palmieri. Barra minn hekk, ġiet aggregata mal-Arċikonfraternità ta' Ruma u ngħatat indulġenza lil dawk li jinkitbu fiha. L-istatut tal-imsemmija aggregazzjoni jgħid li l-konfraternitajiet kollha oħrajn imwaqqfa jew li qed jinħolqu f'din id-Djoċesi jistgħu jgawdu mill-Indulġenza msemmija mingħajr il-bżonn li jitolbu aggregazzjoni ġdida kif stabbilit mill-Kostituzzjoni kkwotata ta' Pawlu V.[12] Dan serva biex kważi l-parroċċi kollha ta' Malta bdew jitħajru jwaqqfu din il-kongregazzjoni u f'Ħal Tarxien ġara l-istess.

Sa ftit żmien ilu l-unika xhieda tal-eżistenza ta' din il-kongregazzjoni kienet plakka tal-injam bl-indulġenzi mogħtija lill-kongregazzjoni tad-duttrina miktuba fuqha. Din il-plakka li fl-imgħoddi kienet impoġġija fuq l-artal tal-kappellun tgħid hekk:




Id-data mogħtija fuq l-indulġenza hija 29 ta' Jannar 1749 iżda minn dak li kiteb il-Kappillan Dun Pawl Lauron meta ġie biex iwaqqaf il-fratellanza fl-1874, nafu li l-kongregazzjoni twaqqfet fl-1748. Il-kappillan Lauron beda jżomm il-kotba tal-kongregazzjoni fl-1865, u s'issa dawn għadhom l-eqdem kotba li nstabu. B'hekk it-tagħrif dwar kif seħħ it-twaqqif tal-kongregazzjoni u x'ġara matul il-117-il sena[13] li segwew wara huwa skars ħafna. Fid-dawl ta' dan, nistgħu inqisu ruħna ffortunati li din is-sena fil-kotba tas-suppliki miżmuma fl-arkivju tal-kurja, sibt ir-rikors li jitlob għat-twaqqif tal-kongregazzjoni tad-duttrina fil-parroċċa tagħna. Dan ir-rikors iġib id-data tal-4 ta' Marzu 1748.[14]

## X'jgħid ir-rikors?

Dan ir-rikors sar mill-kappillan Dun Federik Abela f'isem il-Kleru u l-Kjeriċi ta' Ħal Tarxien li kienu jgħallmu d-duttrina lit-tfal u lil dawk kollha li kellhom bżonn dan it-tagħlim. Huma wrew ix-xewqa li titwaqqaf is-sodalità[15] tad-Duttrina Nisranija kif imsemmija fil-Bolla 137: ex debito- ta' S Piju V u biex kif preskritta u ordnata mill-Kostituzzjoni Sinodali ta' Mons Cocco Palmieri dawk li jixtiequ jinkitbu u japplikaw f'din l-opra qaddisa jkunu jistgħu jgawdu mill-Indulġenza mogħtija mill-Papa Pawlu V fil-kostituzzjoni tiegħu: Ex Credito. Biex din l-indulġenza żgur tingħata, il-kappillan ħa ħsieb jagħmel referenza diretta għall-istatut tal-kongregazzjoni tad-Duttrina tal-Belt u l-aggregazzjoni ta' dik il-kongregazzjoni mal-Arċikonfraternità ta' Ruma.

Wara t-talba għat-twaqqif tal-kongregazzjoni u l-għoti tal-indulġenzi, il-kappillan Abela talab lill-Isqof biex il-festa tal-Madonna tal-Karmnu tingħata lil din il-kongregazzjoni bħala l-festa prinċipali biex f'dak il-jum tiġi akkwistata l-indulġenza plenarja annwali msemmija fil-Bolla ta' Pawlu V. B'dan il-mod il-kappillan Abela rabat il-kongregazzjoni tad-Duttrina mal-Madonna tal-Karmnu. Dan kollu huwa kkonfermat mill-plakka li semmejt qabel iżda r-rikors ikompli billi jitlob li tingħata l-festa ta' San Ġużepp biex f'dik il-ġurnata tiġi akkwistata indulġenza ta' tlieta u ħames snin rispettivament, mogħtija fl-istess Bolla ta' Pawlu V. Jgħid ukoll li fl-aħħar nett din il-kongregazzjoni tista' twassal

*ikompli f'paġna 67*



*Il-Papa Pawlu V*

biex l-assoċjazzjoni tal-Bambin Ġesù tkompli żżid aktar id-devozzjoni diġà introdotta f'din il-Knisja Parrokkjali.

## Osservazzjonijiet

Dan ir-rikors nistgħu nifhmuh aħjar fil-kuntest tar-rikorsi li għamlu l-Parroċċi l-oħra biex iwaqqfu kongregazzjonijiet simili. It-talba għall-indulġenzi nsibuha f'kull rikors li sar, dan juri kemm l-indulġenzi kienu mezz tajjeb biex tqajjem id-devozzjoni u tiġbed in-nies. Mill-banda l-oħra nsibu xi differenzi bħal fil-qaddisin magħżula bħala patruni ta' dawn il-kongregazzjonijiet. Ngħidu aħna, Bormla[16] u Ħaż-Żebbuġ[17] għażlu lil San Vinċens de Paula. Dan juri li bl-għażla tal-Madonna tal-Karmnu, il-kongregazzjoni tad-duttrina tal-parroċċa tagħna sa mit-tnissil tagħha ntrabtet mal-Madonna. Dan jagħti raġuni valida għaliex id-devozzjoni lejn il-Madonna tad-Duttrina li daħlet f'Malta fis-seklu dsatax sabet art għammiela f'Ħal Tarxien. Mill-banda l-oħra dan ir-rikors jixħet dawl fuq ir-relazzjoni antika bejn il-kongregazzjoni u l-artal ta' San Ġużepp. Din ir-rabta tidher b'żewġ modi, l-ewwel għax il-festa ta' San Ġużepp ingħatat bħala okkażjoni oħra li fiha jistgħu jintrebħu l-indulġenzi u t-tieni għax skont ir-rikors, il-kongregazzjoni kienet se twassal biex tiżdied id-devozzjoni lejn il-Bambin, liema devozzjoni hi abbinata mal-istess artal ta' San Ġużepp. Fil-fatt is-sodalitá tal-Bambin Ġesù ġiet imwaqqfa fuq dan l-artal f'Jannar tal-1749.[18]

Dan kollu juri li sa mill-ewwel snin tat-twaqqif tal-artal fil-kappellun tax-xellug miegħu kien hemm marbuta il-kongregazzjoni tad-duttrina li aktar tard żviluppat fil-fratellanza li nafu llum. Ir-raġunijiet eżatt għaliex saret din ir-rabta proprju ma' dan l-artal f'dan il-kappellun ma nafuhomx iżda jidher li l-indulġenzi lagħbu parti importanti. Dan għaliex kif semmejt qabel dan l-artal kien jiddependi mid-devozzjoni tal-poplu għalhekk dawn l-indulġenzi setgħu servew biex aktar nies resqu lejh u kkontribwixxew b'risq l-opri li kien hemm bżonn isirulu. Barra minn hekk, nafu li f'parroċċi bħal Ħaż-Żabbar it-tagħlim kien isir fil-kappellun li fih ġiet imwaqqfa din il-kongregazzjoni għalhekk wieħed ma jeskludix li għall-kongregazzjoni tagħna ingħażel dan il-kappellun proprju għaliex hu ikbar mill-kappelli u b'hekk hemm iżjed spazju fejn isir it-tagħlim. Hawn nirrimarka li minkejja li l-kongregazzjoni[19] baqgħet imwaqqfa fil-kappellun, it-tagħlim ġieli sar fil-knisja filjali ta' San Bert,[20] b'dan il-mod bdiet tuża post diġà mibni minflok bniet wieħed apposta bħalma ġara fiż-Żurrieq.

## Konklużjoni

Is-sejba ta' dan ir-rikors hija importanti ħafna għall-istorja tal-fratellanza tagħna għaliex permezz tiegħu sibna l-pedament li fuqhom hu mibni dak li għadna nagħmlu sal-lum. Minkejja dan, ikolli nammetti li dan ir-rikors qajjem aktar mistoqsijiet dwar x'ġara mill-1748 sal-1864. S'issa kollox għadu midfun fid-dlam, iżda wieħed m'għandux jaqta' qalbu, il-kurżità tqanqal aktar riċerka li jekk Alla jrid xi darba twassalna biex ngħaqqdu d-damma ta' ġrajjiet li sawru l-istorja, id-devozzjoni u l-festa tal-Madonna tad-Duttrina f'Ħal Tarxien.

---

1 A.P.T. Libro Maestro della Congregazione della Dottrina - Esiti 1883
2 V.Borg. Il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien 1610 – 2010 (2010)., 11
3 Ibid., 21
4 Ibid., 72
5 V. Battistino, Ħal Tarxien (1993)., 53
6 Din l-iskultura nqerdet għalkollox bejn l-1890 u l-1900 meta l-knisja ġiet imneżżgħa mill-istil barokk biex ingħatat stil Neo Klassiku.
7 Ibid., Il- Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien, 73
8 A.M.D. Registrum Supplicationum Vol 07, 1776 – 1785, 373
9 A.P.T. Fondazione Antonio Ellul 1790
10 A.M.D. Inventario 1842-1849, 417
11 T. Sciberras, Attivitajiet Kateketiċi f'Malta 1545-1933 (Malta, 2008),15
12 Ibid., R.Supp .04, 1714-1727, 282
13 Mill-1748 sal-1865.
14 Ibid., R.Supp .05, 1741-1752, 416
15 Il-kliem Sodalità, Fratellanza, Kongregazzjoni, Assoċjazzjoni u Kumpanija jintużaw spiss f'rikorsi differenti u jirrefeu għall-istess ħaġa. Xi darbi fl-istess rikors issib li din it-tip ta' għaqda ssir referenza għaliha b'ismijiet differenti. Biss, fil-verità għaqda li tkun Fratellanza kienet aktar ta' prestiġju mill-oħrajn minkejja l-fatt li l-ismijiet l-oħra ġieli jnintużaw biex jirreferu għaliha.
16 Ibid., R.Supp .06, 1769-1776, 1176
17 Ibid., R.Supp .07, 1776-1785, 361
18 Ibid., R.Supp .05, 1741-1752, 436
19 K. Bonavia, Leħen is-Santwarju Ħaż-Żabbar 1997, Il-Kappelluni, 17
20 A.P.T Libro Maestro della Congregazione della Dottrina